29 ta' Novembru, 1952.
Imħallef:
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.
Paul Caruana ne. *versus* Joseph Galea

**Appell — Kontumaċja.**

*Biex tkun ġustifikata l-kontumaċja quddiem il-Qorti Inferjuri hemm bżonn ta' kawża ġusta, li għandha tikkonsisti f'impediment leġittimu.*

*L-allontanament tal-konvenut għal bżonn naturali jista' talvolta jkun kawża leġittima, jekk jiġi pruvat li l-kawża ssejħet f'dak il-waqt; imma dik il-ġustifikazzjoni ma tirrikorrix, jekk il-konvenut ma semgħax il-kawża tissejjaħ minħabba diżattenzjoni. Dik id-diżattenzjoni turi kontumaċja kolpuża jew żball vinċibili, li ma huwiex konsistenti mal-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja.*

*Lanqas ma jiġġustifika l-kontumaċja l-fatt illi l-konvenut ma deherx għax, meta ssejħet il-kawża, huwa kien allontana ruħu biex imur iġabbad difensur biex jiddefendieh.*

Il-Qorti, — Rat l-avviż preżentat quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta, li bih l-attur nomine talab il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' £8. 5. 6, prezz ta' ħwejjeġ lilu mibjugħa u kkunsinnati skond il-kont unit ma' l-avviż;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fl-ewwel ta' Ottubru 1952, li biha ġiet milqugħa t-talba, bl-ispejjeż;

Rat in-nota u ċ-ċitazzjoni li bihom il-konvenut appella

minn dik is-sentenza quddiem din il-Qorti u talab li tiġi revokata, u t-talba miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-attur nomine;

Trattat l-appell, ikkunsidrat;

*Omissis;*

Quddiem l-Ewwel Qorti l-konvenut appellant kien kontumaċi...........;

Għalhekk, qabel xejn, hemm bżonn li l-konvenut appellant jiġġustifika l-kontumaċja, għax diversament jibqa' dejjem kontra tiegħu l-ostakolu tal-konfessjoni fuq imsemmija;

L-appellant qal li dak inhar li nqatgħet il-kawża huwa kien hemm il-ħin kollu mid-disgħa ta' fil-għodu, li illarga biss għal xi żewġ minuti għal bżonn naturali, u li ma samax il-kawża tissejjaħ. Ma ppruvax però bl-ebda mod li l-kawża ssejħet proprju f'dawk iż-żewġ minuti. Lanqas ma pprova li l-kawża, għal xi ommissjoni ta' l-uffiċjal tal-Qorti ta' Isfel, ma ssejħitx — prova li kienet tmiss lilu, stante l-aforisma ġuridika "omnia praesumuntur rite acta";

Fin-nuqqas ta' dina l-prova ma jistax jingħad li l-kontumaċja ġiet ġustifikata. Biex tkun ġustifikata, hemm bżonn kawża ġusta, li għandha tikkonsisti f'impediment leġittimu. F'dan il-każ l-allontanament ta' l-appellant għal bżonn naturali seta' talvolta jkun kawża ġusta, kieku ġie ppruvat li l-kawża ssejħet f'dak il-waqt; iżda dan, kif ingħad, ma ġiex pruvat. Jekk minħabba diżattenzjoni l-appellant ma semgħax il-kawża tissejjaħ, dan jori kontumaċja kolpuża, jew żball vinċibili, li ma humiex konsistenti mal-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja (ara riassunt tal-ġurisprudenza in materja kontenut fis-sentenza "Cassar vs. Vassallo", Appell Inferjuri 29 ta' Mejju 1937, Vol. XXIX—I—1581);

Il-verità probabilment hija illi l-konvenut illarga biex jinkarika bħala difensur lill-Prokuratur Legali Navarro, kif semma fix-xhieda tiegħu, avvolja ġie mwissi mill-purtier ta' l-awla biex ma jitbiegħedx, u l-kawża aktarx issejħet dak il-ħin. Dan però ma jikkostitwixxix ġustifikazzjoni tal-kontumaċja, kif f'każijiet analogi ġie deċiż mill-kompjant Imħallef Dr. Luigi Camilleri, sedenti f'din il-Qorti, fiż-żewġ Appelli Inferjuri "Bennetti vs. Caruana", 7 ta' Novembru 1925, u "Grech vs. Muscat", 17 ta' Marzu 1927, pp. 277 u 379, Vol. XXVI, P. I;

Għalhekk, ladarba l-appellant ma ġġustifikax il-kontumaċja tiegħu, tibqa' kontra tiegħu l-prova tal-konfessjoni, u kwindi l-appell hu miċħud u s-sentenza konfermata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.

---

**Tmiem ta' l-Ewwel Parti**

**tal-Volum XXXVI.**

---